# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 36/8

Il-Hamis 3 ta' Dicembru 2020

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Vici Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Maria Micallef – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

036.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

036.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (34(08) [17/11/2020] 35(08) [19/11/2020])

036.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

036.4 Abbozz tal-Estimi Finanzjarji ghas-sena 2021;

036.5 Performance Bonus tal-haddiema klerikali tal-Kunsill u s-Segretarju Ezekuttiv;

036.6 Tigdid tal-kuntratt tas-Segretarju Ezekuttiv;

036.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

036.8 Rapporti;

036.9 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress (pavimentar quddiem il-Kapella ta` Loretu)
d. Ġnien Raymond Caruana – progress
e. Ġnien Ġlormu Cassar – progress

036.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

036.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---------------------------------------------------------------------------------------------------------

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-sitta ta` filgħaxija (6.00pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

## 036.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li ma kienx hemm ittri ta`apologija.

## 036.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (34(08) [17/11/2020] 35(08) [19/11/2020])

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 34/8 u 35/8 nem con.

036.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

036.3.1 Giet prezentata applikazzjoni tac-Cirkulari 5/2020, fejn din giet approvata mill-Kunsill sabiex jisottometti din l-applikazzjoni.

036.3.2 Prezentata notifika li giet preparata habba l-kaptelli li nxtraw mir-residenti ta` Triq Santa Katerina, Triq J.Pace u Triq id-Dejqa, fejn l-Kunsill approvah unanimament.

036.3.3 Giet prezentata korrispondenza li ntbghatet minghand Transport Malta dwar il-proposta ta` traffic management fi Triq il-Kapella u Triq Hal-Safi. Il-Kunsillier MA Sammut propona sabiex minn ikun gej minn Triq il-Kapella, wiehed ikun jista` jdur ghan-naha tal-airport. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti. Is-Sindku talbet sabiex ninfurmaw lill-TM dwar dan.

036.3.4 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li sejha ghall-post vakant ta` Ufficjal Ezekuttiv kienet harget u taghlaq fis-7 ta` Dicembru 2020.

036.3.5 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li hemm diversi talbiet sabiex fi Triq V.Pasmore isiru diversi sleeping policeman minhabba li issa triq qed tintuza hafna aktar peress li inghatat wicc gdid. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

036.3.6 Is-Sindku ghamlet referenza ghal talba sabiex fi Triq il-Palazz isir xi double yellow line mall-hajt tal-ghelieqi peress li hemm xi vetturi qeghdin jipparkjaw fejn taghmielha difficli ghall-vetturi biex johorgu mill-garaxxijiet taghhom. Dwar dan kien hemm diskussjoni, u gie deciz li ninfurmak lill-TM dwar il-bzonn ta` traffic management ta` dik iz-zona kollha.

036.4 **Abbozz tal-Estimi Finanzjarji ghas-sena 2021**

036.4.1 Dawn l-estimi gew iccirkulati qabel il-laqgha tal-Kunsill u gew mehuda bhala moqrija. Saru diversi mistoqsijiet u gew imwiegba. Ingibdet l-attenzjoni li dawn huma estimi bbazati fuq fondi tas-sena 2020 peress li l-informazzjoni dwar il-fondi allokati ghas-sena 2021 ghadhom ma wasslux. Il-Kunsill approva dawn l-estimi u ghalhekk se jkun qed jilqa’ l-proposti mir-residenti li se jattendu l-laqgha pubblika annwali sabiex b’hekk l-estimi jergghu jigi riveduti skont il-kaz u jigu mressqa fil-Kunsill ghall-approvazzjoni finali taghhom.

036.5 **Performance Bonus tal-haddiema klerikali tal-Kunsill u s-Segretarju Ezekuttiv**

036.5.1 Dan l-item ma giex diskuss.

036.6 **Tigdid tal-kuntratt tas-Segretarju Ezekuttiv**

036.6.1 Dan l-item ma giex diskuss.

036.7 **Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

036.7.1 Ma kienx hemm.

036.8 **Rapporti**

036.8.1 Ma kienx hemm.

036.9 **Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. **Triq iż-Żebbuġa – progress**
b. **Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress**
c. **Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress (pavimentar quddiem il-Kapella ta` Loretu)**
d. **Ġnien Raymond Caruana – progress**
e. **Ġnien Ġlormu Cassar – progress**

036.10 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

036.10.1 Dan l-item ma giex diskuss.

036.11 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

036.11.1 Il-Laqgha ntemmet fis-sebgha neqsin kwart ta` filghaxija peress li kien hemm Laqgha Annwali. Is-Sindku aġġornat il-kontinwazzjoni ta` din il-laqgħa għal nhar il-Gimgha 11 ta` Dicembru 2020 fis-6:00pm fuq l-istess aġenda.

Konfermati, illum it-Tlieta 12 ta` Jannar 2021

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv